# IS-SILENZJU U L-ISTUDJU

Fil-*Christus Vivit*, il-Papa Franġisku jgħid li biex niddixxernu l-vokazzjoni tagħna, irridu nħallu ħinijiet għas-silenzju.
Xi ħadd qal li l-apiċi tal-pastorali hija s-silenzju tas-silenzju.
Tidħol f'teatru vojt u tħossok mitluf. Imbagħad tidħol fi knisja vojta u tifraħ għax qiegħed waħdek miegħu.
Fil-qalb ta' kull nisrani hemm rokna li ma temminx.
Illum diffiċli tidħol fis-silenzju għax minflok aħna nidħlu fil-ħajja virtwali u nagħmlu z-zapping. Fid-dinja virtwali l-kurżità ssir iktar importanti u din iżżommna 'l bogħod milli nfittxu l-affarijiet essenzjali.
*Curiosity* hu meta taqra għall-kurżità biex issir taf fuq in-nies.
*Studiositas* hu meta inti taqra biex timxi 'l quddiem fil-ħajja u fl-ispirtu.
L-impenji jgħejjuna imma huma l-impenji li jitfgħuna 'l fuq.
Biex tirrifletti sewwa trid is-silenzju u biex titlob sewwa trid is-silenzju.
Kristu nnifsu kien joqgħod għall-kwiet biex jitlob.

***L-Arċipriet***



**AVVIŻI OĦRA:**

**IĊ-ĊENTRU TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ:** javża li minħabba s-sitwazzjoni preżenti, it-tombla li kellha ssir nhar it-Tnejn 10 ta' Awwissu quddiem iċ-Ċentru stess bħala fundraising, tħassret. Ninfurmawkom aktar 'il quddiem bid-data l-ġdida meta s-sitwazzjoni tkun ftit aħjar. Dan sar sabiex inħarsu s-saħħa ta' dawk kollha preżenti.

---

Infakkru lil dawk li jiġu l-knisja li **huwa rikkomandat li jilbsu l-maskra jew visor**. It-tqarbin jibqa' jsir billi kulħadd joqgħod f'postu sa ma jiġi l-qassis. Żommu d-distanzi stabbiliti mid-Dipartiment tas-Saħħa.

---

**Infakkrukom li nhar is-Sibt, festa ta' Santa Marija, hija festa kmandata. Il-quddies ikun fil-ħinijiet ta' nhar ta' Ħadd u l-Ġimgħa filgħaxija bħal tas-Sibt.**

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:30pm; 7:15pm
**Is-Sibt filgħaxija:** 6:00pm; 7:30pm
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am